Bl-ispejjeż u bl-interessi.

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (illum), 12 ta' Jannar, 2004.

AVV. DOTT. PAUL SANT, B.A. (HONS), LL.D.
Għar-Reġistratur tal-Qorti

It is hereby notified that by a decree of the 8th of January 2004, of the Court of Magistrates (Malta), Magistrate Dr J. Apap Bologna, B.A. LL.D., the following extract was ordered for publication by virtue of article 187(3) of the Code of Organization and Civil Procedure (Cap. 12).

The Acting Director of Works, of Project House, Floriana filed a judicial letter on the 28th of August 2003, wherein he called upon Emanuel Mamo, 19, Lapsi Street, St Julians, so that he resolves the amount due of one hundred and sixty eight liri and twenty four cents (Lm186.24) owed.

Given the failure to pay or opposition on his part on the lines laid out in section 466 the applicant will proceed to issue warrants according to law.

With expenses and interests.

Registry of the Court of Magistrates (today), 12th of January, 2004.

ADV DR PAUL SANT, B.A. (HONS), LL.D.
For the Registrar of Courts

98

Ikun jaf kulħadd illi b'digriet tat-8 ta' Jannar 2004 tal-Qorti tal- Maġistrati, (Malta), Maġistrat Dott. J Apap Bologna, B.A., LL.D. ġiet ordnata l-pubblikazzjoni li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skond artikolu 187(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap 12).

L-Aġent Direttur tax-Xogħlijiet ta' Project House, il-Furjana ppreżenta ittra fl-4 ta' Settembru 2003 fejn talab lil Farstone Limited, 141, 'Tavistock', Mdina Road, Ħaż-Żebbuġ sabiex tħallas is-somma ta' disgħa u erbgħin lira u disgħa u erbgħin ċenteżmu (Lm49.94) dovut minnha.

Fin-nuqqas ta' ħlas jew oppożizzjoni da parti tiegħu skond l-imsemmi artikolu 466 l-esponent jgħaddi għall-ħruġ ta' mandati eżekuttivi skond il-Liġi.

Bl-ispejjeż u bl-interessi.

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (illum), 12 ta' Jannar, 2004.

AVV. DOTT. PAUL SANT, B.A. (HONS.), LL.D.
Għar-Reġistratur tal-Qorti

It is hereby notified that by adecree of the 8th of January 2004 of the Court of Magistrates (Malta), Magistrate Dr J Apap Bologna, B.A., LL.D. the following extract was ordered for publication by virtue of article 187(3) of the Code of Organization and Civil Procedure (Cap 12).

The Acting Director of Works of Project House, Floriana filed a judicial letter on the 4th of September 2003 wherein he called upon Farstone Limited, 141, 'Tavistock', Mdina Road, Żebbuġ so that it pays the amount due of forty nine liri and ninety four cents (Lm49.94) owed.

Given the failure to pay or opposition on his part on the lines laid out in section 466 the applicant will proceed to issue warrants according to law.

With expenses and interests.

Registry of the Court of Magistrates (today), 12th of January, 2004.

ADV. DR PAUL SANT, B.A. (HONS.), LL.D.
For the Registrar of Courts

99

Ikun jaf kulħadd illi b'digriet tas-27 ta' Novembru 2003 il-Qorti tal- Maġistrati (Malta), Maġistrat Silvio Meli ġiet ordnata l-pubblikazzjoni li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skond artikolu 187(3) tal- Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.

Id-Direttur Ġenerali tax-Xogħlijiet għamel rikors fis-26 ta' Marzu 2003 fl-atti tal-mandat ta' sekwestru 113/2003 sabiex billi kien ottjena titolu eżekuttiv għall-ammont ta' mija u ħamsin lira Maltin u għaxar ċenteżmi (Lm150.10) kontra Gaetan Farrugia, 'Sowiaw', Triq Martin Luther King, Fgura u billi ċedola ta' depositu 497/2003 ġiet deposita l-Qorti, kien talab sabiex l-Onorabbli Qorti jogħġobha tawtorizah tiżbanka l-ammont ta' mija u tmienja u ħamsin lira u sittin ċenteżmu dovuti minnu.

Għalhekk, il-Qorti ordnat notifika lill-intimat bi żmien jumejn (2) għar-risposta.

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati, (illum) 12 ta' Jannar, 2004.

AVV. DOTT. PAUL SANT, B.A. (HONS), LL.D.
Għar-Reġistratur tal-Qorti

It is hereby notified that by a decree of the 27th of November 2003 the Court of Magistrates, Magistrat Silvio Meli the publication that appears below for notification according to section 187(3) of the Code Of Organization and Civil Procedure.

The Director of Works, made an application on the 26 of March 2003 in the legal documents associated with warrant of seizure 113/2003 as he had obtained an executive title for the amount one hundred and fifty Maltese and ten cents (Lm150.10) against Gaetan Farrugia, 'Sowiaw', Martin Luther Street, Fgura and as the certificate of deposit 497/2003 was deposited in the court, had asked that the Honourable Court would authorize the withdrawal of the amount of one hundred and fifty eight liri and sixty cents owed to him.

In this vein Court ordered that the defendant be notified with two days being given in order to submit his position.

Registry of the Court of Magistrates, (today) the 12th of January, 2004.

ADV. DR PAUL SANT, B.A. (HONS), LL.D.
For the Registrar of Courts

100

Ikun jaf kulħadd illi b'digriet tat-8 ta' Jannar 2004 tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta), Maġistrat Dott. J Apap Bologna, B.A., LL.D. ġiet ordnata l-pubblikazzjoni li jidher hawn taħt għall- finijiet ta' notifika skond artikolu 187(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12) .

Bank of Valletta p.l.c (C 2833), 173, Triq San Kristoforu, Valletta, ippreżenta ittra fis-7 ta' Novembru 2003 fejn talbet lil Mario Vella (Karta ta' l-ID Nru 375062 (M)) 101/102, Triq San Ġużepp, Ħal Luqa sabiex iħallas l-ammont dovut ta' elf, erba' mija u disgħa u erbgħin liri u tlieta u tmenin ċenteżmu (Lm1,449.83) bilanċ dovut għad-debitu fl-Overdraft Account tiegħu mal-Bank of Valletta. Bl-imgħaxijiet ulterjuri mill-1 ta' Ottubru 2003.

Hu avżat jekk jonqos is-soċjetà mittenti tista' tkun kostretta tipproċedi kontra tiegħu bil-liġi.

Bl-ispejjeż u bl-interessi.

AVV. DOTT. PAUL SANT, B.A. (HONS), LL.D.
Għar-Reġistratur tal-Qorti

It is hereby notified that by a decree of the 8th of January 2004 of the Court of Magistrates (Malta), Magistrate Dr J Apap Bologna, B.A., LL.D. the following publication which appears below for the purposes of service according to article 187(3) of the Code of Organization and Civil Procedure (Cap. 12).

Bank of Valletta p.l.c (C2833), 173, St Christopher Street, Valletta filed a letter on the 7th of November 2003 wherein it called upon Mario Vella (ID card no 375062 (M)) 101/102, St Joseph Street, Luqa to resolve the amount due of one thousand four hundred and forty nine liri and eighty three cents (Lm1,449.83) balance due on his Overdraft account with Bank of Valletta . With additional interests running from the 1st of October 2003.

He is advised that if he fails to pay the plaintiff commercial entity will be constrained to take legal action against him.

With expenses and interests.

ADV. DR PAUL SANT, B.A. (HONS), LL.D.
For the Registrar of Courts

101

Ikun jaf kulħadd illi l-Qorti Ċivili (Ġurisdizzjoni Volontarja) permezz ta' digriet mogħti fid-19 ta' Diċembru 2003, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika a tenur ta' l-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Permezz ta' rikors, ippresentat fl-24 ta' Novembru 2003, fis-Sekond Awla tal-Qorti Ċivili, bis-segwenti 'occhio' Fl-atti tad-digriet numru 1353/03 mogħti fit-3 ta' Settembru 2003, fl-ismijiet 'Romeo Vella bħala mandatarju ta' l-assenti ibnu Simon Vella vs Marion Vella', ir-rikorrenti Romeo Vella nomine, espona bir-rispett;

1) Illi l-kontendenti konjugi Vella cioè l-intimata odjerna u l-imsemmi Simon Vella, infirdu minn xulxin permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni ppubblikat min-Nutar Dottor Henri Vassallo fit-2 ta' Awissu 2001 (hawn anness u mmarkat Dok A).

2) Illi fl-istess kuntratt il-konvenuta ġiet fdata bil-kura u l-kustodja tat-tfal tal-kontendenti minuri, ...Omissis..... salv l-aċċess għalihom stabilit fl-imsemmi kuntratt u riżervat lill-esponent missierhom illi, sakemm ma jiġix miftiehem mod ieħor mill-kontendenti jew ordnat mod ieħor mill-Qorti kompetenti, kien miftiehem fl-imsemmi kuntratti bħala s-segwenti;

.....Omissis.....

3) Illi preżentement (kif del resto ġa kien f'kull żmien materjali f'din il-vertenza, anke qabel ma ġie ppubblikat l-imsemmi kuntratti ta' separazzjoni) l-imsemmi Simon Vella huwa impjegat bħala pilota ma' Azzurra Air u allura huwa residenti ġew l-Italja. Għalhekk l-aċċess kontemplat fl-imsemmi kuntratt ftit li xejn ġie eżerċitat mill-imsemmi Simon Vella, bejn għaliex minħabba l-assenza tiegħu minn Malta, ma jkunx fi grad jeżerċita l-aċċess riservat lilu u kif ukoll għaliex meta in effett ikun Malta, l-intimata tagħmel minn kollox biex tiffrustra l-eżerċizzju ta' tali dritt b'xeni ta' ġlied etċ.

4) Illi f'Diċembru illi ġej, l-imsemmi Simon Vella sejjer ikun Malta għal btala bejn it-23 ta' Diċembru (f'nofsinhar) sat-3 ta' Jannar 2004 fit-3.00 p.m. Huwa ġej Malta propju biex jara u jgawdi lil uliedu. Huwa sejjer joqgħod fid-dar tar-residenza ta' missieru l-mandatarju odjern tiegħu Romeo Vella.

5) Illi l-antiċedenti ta' bejn il-konjugi Vella huma tali illi l-esponent għandu raġun jissusspetta illi fl-assenza ta' ordni tal-Qorti, l-imsemmi Simon Vella jispiċċa jew ma jarax lit-

It is hereby notified that the Civil Court (Voluntary Jurisdiction) by means of a decree given on the 19th December 2003, ordered the following publication, for the purpose of service in terms of Article 187(3) of Chapter 12.

By means of an application filed on the 24th November 2003, in the Second Hall Civil Court, with the following 'heading' In the records of the decree number 1353/03 given on the 3rd September 2003, in the names 'Romeo Vella as mandatory of his absent son Simon Vella vs Marion Vella', the applicant Romeo Vella nomine, pleaded with respect;

1) That the contending parties, spouses Vella, that is the present respondent and the said Simon Vella, separated from each other by means of a contract of separation published by Notary Doctor Henri Vassallo, on the 2nd August 2001 (hereby attached and marked Doc A).

2) That on the same contract the defendant was entrusted with the care and custody of the minor children of the contending parties ... Omissis..... saving access to them established in the said contract and reserved in favour of their father the applicant, that until it is not otherwise agreed by the parties or otherwise ordered by the competent Court, it was agreed in the said contract as follows;

.....Omissis.....

3) That presently (as it always was at all the relevant moments of this matter, even before the said deed of separation was published) the said Simon Vella is employed as a pilot with Azzurra Air and is thus resident in Italy. Thus the access contemplated in the said contract was very limitedly used by the said Simon Vella, both owing to his absence from Malta, he will not be in a position to exercise the access reserved to him as well as when in effect he is Malta, the respondent, does her utmost to disrupt the exercise of this right, by quarreling etc.

4) That, in the coming December, the said Simon Vella shall be in Malta, for a holiday between the 23rd of December (at midday) till the 3rd of January 2004 at 3.00 p.m. He shall come to Malta to see and enjoy his children. He shall stay at the residential home of his father, his present mandatory Romeo Vella.

5) That the past of the spouses Vella, rightly gives the applicant reason to suspect that in the absence of an order of the Court, the said Simon Vella, shall end up either by not

tfal jew jarahom għal ftit sigħat darba jew darbtejn. Dan ma huwiex fl-interess tat-tfal minuri u jikkawża wġigħ il-qalb inutili lill-istess Simon Vella.

6) Illi jiġi rilevat anke f'dan l-istadju u possibilment b'antiċipazzjoni għall-eventwali risposta ta' l-intimata, illi l-imsemmi Simon Vella qiegħed f'rapport stabbli ma' mara oħra u minnha għandu tarbija illi sejra tkun ukoll Malta matul il-perjodu hawn fuq imsemmi. Jiġi rilevat ukoll illi l-intimata kienet ukoll f'rapport twil u stabbli ma' raġel ieħor illi kien anke jorqod fid-dar (komuni) fejn hija tgħix mat-tfal.

.....Omissis.....

Għaldaqstant, l-esponent jitlob bir-rispett illi dina l-Onorabbli Qorti jogħġobha tordna illi l-imsemmi Simon Vella jkollu aċċess għall-imsemmija wliedu minuri ....Omissis.... aħwa Vella, bejn it-23 ta' Diċembru 2003 (f'nofsinhar) sat-3 ta' Jannar 2004 fit-tlieta ta' wara nofs inhar (3.00 p.m.) u dan soġġett għal dawk il-kondizzjonijiet illi dina l-Onorabbli Qorti tista' timponi, aċċess ikun naturalment jinkludi d-dritt ta' l-istess Simon Vella illi jraqqad lill-imsemmija tfal minuri miegħu matul il-lejl u jkun jipprovdi għall-interruzzjonijiet sabiex it-tfal jgawdu lill-intimata ommhom, anke matul il-perjodu ta' aċċess eventwalment stabilit mill-Qorti.

Int: Marion Vella, 5, Curved Alley, Żurrieq.

Qorti Ċivili Sekond Awla

Rikors numru 2263/03 JA

Rikors ta' Romeo Vella nomine;

Il-Qorti,

Rat ir-rikors,

Tordna notifika tar-rikors u ta' dan id-digriet lil Marion Vella bi tlett (3) ijiem utili għar-risposta.

Ilum 25 ta' Novembru 2003.

Iff. Imħallef. Onor. Joseph Azzopardi, LL.D.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 14 ta' Jannar 2004.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur tal-Qrati

seeing his children or that he shall only see them for a few hours once or twice. This is not in the interest of the minor children and shall cause unnecessary heartache, to the said Simon Vella.

6) It is also pointed out at this stage and possibly in anticipation of the eventual reply of the respondent, that the said Simon Vella is in a stable report with another woman, from ,whom he has a child, that shall be in Malta during the period above mentioned. It is also revealed that the respondent was also involved in a long and stable relationship with another man, who also lived in the (common) house, whereby, she lives with her children.

.....Omissis.....

Thus, the applicant plays with respect that this Honourable Court, orders the said Simon Vella, to have access to his said minor children .....Omissis..... brothers Vella, between the 23rd December 2003 (at midday) till the 3rd January 2004, at 3.00 o'clock in the afternoon, (3.00 p.m.) and this subject to those conditions that this Honourable Court, may impose, access, which shall naturally include the right of the said Simon Vella to have the children sleep with him during the night and shall provide for interruptions so that the children enjoy the respondent their mother, even during the period of access established by this Court.

Respondent: Marion Vella, 5, Curved Alley, Żurrieq.

Civil Court Second Hall

Application number 2263/03 JA

Application of Romeo Vella nomine:

The Court,

Having seen the application,

Orders that the application and this decree be served upon Marion Vella, who shall have three (3) working days to file a reply.

Today 25th November 2003.

Sgd. Hon. Mr Justice Joseph Azzopardi, LL.D.

Registry of the Superior Courts, today 14th January 2004.

ADV. DR FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar of Courts

102

Ikun jaf kulħadd illi l-Qorti ta' l-Appell permezz ta' digriet mogħti fit-22 ta' Diċembru 2003, fil-kawża Ċitazz. Numru 1915/99 TM, fl-ismijiet Edmea Pace vs Edward Pavia, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika a tenur ta' l-Artikolu 187(3) tal-Kap 12.

It is hereby notified that the Court of Appeal by means of a decree given on the 22nd December 2003, in the cause Writ of Summons Number 1915/99 TM, in the names Edmea Pace vs Edward Pavia, ordered the following publication for the purpose of service in terms of Article 187(3) of Chapter 12.

Permezz ta' rikors ippreżentat fil-Qorti ta' l-Appell, Ċitazzjoni Numru 1915/99 TM, Deċiża 03.07.2003, fl-ismijiet Edmea Pace vs Edward Pavia, l-attriċi Edmea Pace, esponiet umilment;

By means of an application, filed, in the Court of Appeal, Writ of Summons number 1915/99TM, Decided 03.07.2003, in the names Edmea Pace vs Edward Pavia, the plaintiff Edmea Pace, humbly pleaded;

1. Illi permezz ta' ċitazzjoni preżentata fit-30 ta' Awissu 1999;

1. That in virtue of a writ of summons, filed on the 30th August 1999;

'Premess illi l-partijiet iffirmaw skrittura datata 19 ta' Settembru 1987, skond liema skrittura kellu jsir kuntratt ta' permuta bejn l-istess partijiet, billi l-attriċi tittrasferixxi a favur tal-konvenut id-dar numru 43, Msida Road, Gżira, u l-konvenut jittrasferixxi a favur ta' l-attriċi, l-appartament 'Flat 9/Bentley Court, Fekruna Street, Xemxija, San Pawl il-Baħar' flimkien ma' pagament ta' elfejn lira Maltin (Lm2,000) skond ma jirriżulta mill-kopja fotostatika annessa bħala 'Dok EP1', u illi l-konvenut interpella lill-attriċi sabiex taddivjeni għall-kuntratt relattiv permezz ta' ittra uffiċjali datata 16 ta' Diċembru 1987;

'Premised that the parties signed a writing dated 19th September 1987, according to which writing a contract of exchange between the parties was to take place, whereby the plaintiff was to transfer in favour of the defendant, the house number 43, Msida Road, Gżira, and the defendant transfer in favour of the plaintiff, the apartment 'Flat 9/Bentley Court, Fekruna Street, Xemxija, St. Paul's Bay', together with a payment of two thousand Maltese liri (Lm2,000) according to what results from the attached photocopy 'Doc EP1' and that the defendant called upon the plaintiff to come forward to the relative contract by means of a judicial letter dated 16th December 1987;

Premess illi l-attriċi u r-raġel tagħha Francis Pace, illum mejjet, ippreżentaw ċitazzjoni fit-tletin (30) ta' Diċembru 1987, fl-ismijiet Edmea mart Francis Pace kif ukoll l-istess Francis Pace,fil-kwalità tiegħu bħala amministratur tal-beni parafernali ta' martu kif ukoll bħala kap tal-komunjoni ta' l-akkwisti eżistenti bejnu u bejn l-imsemmija Edmea Pace, għan-nom u in rappreżentanza ta' l-istess vs Edward Pavia Ċitazzjoni Numru 1034/87 JSP fejn talbu lil din l-Onorabbli Qorti;

Premised that the plaintiff and her husband Francis Pace, today deceased, filed, a writ of summons on the (30) of December 1987, in the names Edmea wife of Francis Pace as well as the same Francis Pace, in his capacity as administrator of the paraphernal property of his wife, as well as head of the community of acquests existing between himself and the said Edmea Pace, in the name and in representation of the same vs Edward Pavia, Writ of Summons Number 1034/87 JSP, whereby they asked that this Honourable Court;

(1) Tiddikjara u tiddeċiedi illi l-iskrittura illi ġiet iffirmata bejn il-kontendenti fid-19 ta' Settembru 1987, hija nulla u mingħajr effett fil-liġi bħala konvenju in kwantu l-attur Francis Pace, bħala leġittimu amministratur tal-beni parafernali ta' martu kif ukoll bħala l-kap tal-komunjoni ta' l-akkwisti eżistenti bejnu u bejn martu ma kienx parti fuq l-istess skrittura, kif ukoll in kwantu l-istess skrittura ma fihiex dikjarazzjoni mill-partijiet fuq l-istess tal-valuri relattivi tal-proprjetajiet in kwistjoni kif trid il-liġi; u fin-nuqqas

(1) Declare and decide that the writing that was signed between the parties on the 19th September 1987, is null and without effect at law as a promise of sale, in so far as the plaintiff Francis Pace, as legitimate administrator of the paraphernal property of his wife, as well as the head of the community of acquests existing between himself and his wife, was not a party on the same writing, as well as the same writing does not contain a declaration by the parties on the same, of the relative values of the property in question as required by law; and failing which

(2) Tirrexxindi l-iskrittura illi ġiet iffirmata mill-

(2) To rescind the writing which was signed by the parties

kontendenti fid-19 ta' Settembru 1987 u dana peress illi l-kunsens ta' l-attriċi fuq l-istess skrittura kien ivvizzjat bi żball ta' fatt u ta' liġi, kif ukoll b'għemil doluż ipprattikat fuqha mill-istess konvenut;

Premess illi din l-Onorabbli Qorti, permezz ta' sentenza mogħtija fit-(30) ta' Ottubru 1991, laqgħet l-eċċezzjonijiet tal-konvenut fil-mertu u konsegwentement ċaħdet it-talbiet ta' l-atturi bl-ispejjeż;

Premess illi l-konvenut ippreżenta ċitazzjoni fit-tmintax (18) ta' Jannar 1988 fl-ismijiet Edward Pavia vs Edmea Pace, Ċitazzjoni Numru 55/88 FGC, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti;

(1) Tikkundanna lill-konvenuta (l-attriċi odjerna) sabiex fi żmien qasir u perentorju li jiġi lilha prefiss, taddivjeni għall-kuntratt definittiv ta' permuta, sabiex l-istess konvenuta tittrasferixxi taħt l-istess titolu ta' permuta lill-attur (il-konvenut odjern) il-fond Numru 43, Msida Road, Gżira liema attur da parte tiegħu u taħt l-istess titolu ta' permuta jitrasferixxi lill-konvenuta il-flat numru 9, Bentley Court, Fekruna Street, Xemxija, San Pawl il-Baħar, oltre ekwiparazzjoni ta' Lm2,000 pagabbli mill-attur lill-konvenuta u dana verso il-kondizzjonijiet stipulati fl-istess konvenju datat 19 ta' Settembru 1987;

(2) Tinnomina Nutar biex jippubblika l-kuntratt relattiv fil-jum, ħin u lok determinat mill-Qorti, u jiġu nominati kuraturi biex jirrappreżentaw lill-eventwali kontumaċi fuq l-istess Att, u dan taħt dawk il-provvedimenti li din il-Qorti jogħġobha tagħti;

Premess illi din l-Onorabbli Qorti, permezz ta' sentenza mogħtija fit-tlieta (3) ta' Diċembru 1993, laqgħet it-talbiet attriċi sopra – elenkati u, konsegwentement, ikkundannat lill-konvenuta (l-attriċi odjerna) sabiex tittrasferixxi b'titolu ta' permuta lill-attur il-fond numru 43, Msida Road, Gżira skond il-konvenju tad-19 ta' Settembru 1987, fuq imsemmi u sabiex tagħti effett għal din l-istess permuta nnominat lin-Nutar Dottor Angelo Vella sabiex jippubblika l-att opportun nhar it-Tnejn 17 ta' Jannar 1994, fl-4.00 p.m. fl-Uffiċċju Legali nru 52, Triq San Kristoforu, Valletta, u lill-Avukat Dottor Rachel Spiteri Bonello bħala kuratur biex tirrapreżenta lill-eventwali kontumaċi fuq l-istess att;

...Omissis.....

on the 19th September 1987 and this because the consent of the plaintiff on the same writing was vitiated by a mistake of fact and law, as well by a fraudulent act on the part of the defendant;

Whereas this Honourable Court, by means of a judgement given on the (30) th October 1991, upheld the pleas of the defendant on the merit and consequently rejected the plaintiff's demands with costs;

Whereas the defendant filed a writ of summons on the eighteenth (18) of January 1988 in the names Edward Pavia vs Edmea Pace, Writ of Summons Number 55/88 FGC, whereby he asked this Honourable Court;

(1) Condemn the defendant (the present plaintiff) so that within a short and peremptory period that shall be fixed for her, she comes forward to the definitive contract of exchange, in order that the same defendant transfer under the same title of exchange in favour of the plaintiff (the present defendant) the premises Number 43, Msida Road, Gżira, which plaintiff on his part and by the same title of exchange, transfers to the defendant the flat number 9, Bentley Court, Fekruna Street, Xemxija, St. Paul's Bay, besides an owelty of Lm2,000 payable by the plaintiff to the defendant and this under the conditions stipulated in the same promise of sale dated 19th September 1987;

(2) To appoint a Notary to publish the relative deed, on the day, time and place determined by the Court, and there appointed curators to represent the eventual defaulters on the same Deed, and this under those provisions which the Court deems fit to impose;

Premised that this Honourable Court, by means of a judgement given on the third (3) of December 1993, upheld the plaintiff's claims, above indicated and consequently, condemned the defendant (the present plaintiff) in order to transfer by title of exchange to the plaintiff, the premises number 43, Msida Road, Gżira, according to a promise of sale of the 19th September 1987, above mentioned and in order to give effect to this same exchange, appointed Notary Doctor Angelo Vella to publish the relative deed on Monday 17th January 1994, at 4.00 p.m., at the Legal Office number 52, St. Christopher Street, Valletta, and that Advocate Doctor Rachel Spiteri Bonello, as curator to represent the eventual defaulters on the same deed;

...Omissis.....

Premess illi dawn il-fatti jammontaw għal frodi u li l-attriċi sofriet danni bħala riżultat ta' tali frodi; u

Premess illi fiż-żmien illi ġew deċiżi l-kawżi summenzjonati, dawn il-fatti ma kenux a konoxxenza ta' l-attriċi, u kwindi qiegħda tiġi eżerċitata l-azzjoni provduta mill-liġi taħt l-artikoli 1222 u 1223 Kap. 16.

l-esponenti talbet lill-Onorabbli Prim' Awla tal-Qorti Ċivili sabiex;

(1) Prevja kull dikjarazzjoni neċessarja, tiddeċiedi u tiddikjara illi l-iskrittura datata dsatax (19) ta' Settembru 1987 hija nulla u mingħajr effett fil-liġi .

...Omissis.....

(2) Tiddeċiedi u tiddikjara illi fi kwalunkwe każ il-konvenju ta' permuta konkluż fid-dsatax (19) ta' Settembru 1987, kif ukoll is-sentenza mogħtija minn din l-Onorabbli Qorti fit-tlieta (3) ta' Diċembru, 1993, ismijiet Edward Pavia vs Edmea Pace, Ċitazzjoni Numru 55/88 FGC, huma ineżegwibbli u inkapaċi ta' eżekuzzjoni u dan minħabba raġunijiet imputabbli esklussivament lill-konvenut; u

(3) Tiddikjara lill-konvenut responsabbli għad-danni sofferti mill-attriċi, tillikwida l-istess danni, tiddikjara lill-konvenut debitur fis-somma likwidata u tikkundanna lill-istess konvenut iħallas l-istess soma likwidata.

Bl-ispejjeż legali, bir-riżerva ta' kull azzjoni ulterjuri fil-liġi, il-konvenut inġunt minn issa in subizzjoni.

2. Illi l-konvenut eċċepixxa inter alia (1) illi t-talbiet attriċi huma nulli in kwantu legalment insostenibbli billi l-uniċi mezzi li tipprovdi l-liġi sabiex tiġi impunjata sentenza huma dawk ta' l-appell u tar-ritrattazzjoni; u (11) illi t-talbiet attriċi huma res judicata in vista tas-sentenzi fuq ċitati;

3. Illi permezz ta' sentenza mogħtija nhar it-3 ta' Lulju 2003, l-Onorabbli Prim' Awla tal-Qorti Ċivili laqgħet l-ewwel u t-tieni eċċezzjoni tal-konvenut u ċaħdet it-talbiet attriċi bl-ispejjeż kontra tagħha;

...Omissis.....

4. Illi l-esponenti ħasset ruħha aggravata minn din is-sentenza u għalhekk qiegħda tinterponi umli appell quddiem

Premised that these facts amount to fraud and that the plaintiff suffered damages as a result of this fraud; and

Premised that during the time that the causes above mentioned were decided these facts were not known to the plaintiff, and thus is exercising, the action provided by law under articles 1222 and 1223 of Chapter 16.

The applicant the Honourable First Hall Civil Court in order;

(1) Saving any necessary declaration, decide and declare that the writing dated nineteenth (19) of September 1987 is null and without effect at law.

...Omissis.....

(2) Declare and decide that in any case the preliminary exchange agreement concluded on the nineteen (19) of September 1987, as well as the judgement given by this Honourable Court on the third (3) of December, 1993, in the names Edward Pavia vs Edmea Pace, Writ of Summons number 55/88 FGC, are not executable and not capable of execution and this due to reasons imputable exclusively to the defendant; and

(3) Declare the defendant responsible for the damages suffered by the plaintiff, liquidate the same damages, declare the defendant debtor in the sum liquidated and condemn the same defendant to pay the sum so liquidated.

With legal costs, saving any further action at law, the defendant is from now summoned so that a reference to his oath be made.

2. That the defendant pleaded inter alia (1) that the plaintiffs claims are null in so far they cannot be legally upheld as the only means provided by law in order that a judgement be impugned are those of appeal and re-trial; and (11) that the plaintiff's claims are res judicata in view of the judgements above mentioned;

3. That in virtue of a judgement given on the 3rd July 2003, the Honourable First Court Civil Court upheld the second plea of the defendant and rejected the plaintiff claims with costs against her;

...Omissis.....

4. That the applicant felt aggrieved by this judgement and is thus humbly filing an appeal before this Honourable Court.

din l-Onorabbli Qorti. L-aggravji ta' l-appellanti huma ċari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti;

1. Illi għall-exceptio rei judicata jonqos l-element ta' l-eadem causa;

5. Illi fl-ewwel lok, l-appellanti ma taqbilx ma' l-ewwel Onorabbli Qorti dwar is-sussistenza tar-rekwiżit ta' l-eadem causa. Dwar dan is-sentenza appellata qieset illi kull eċċezzjoni u kull argument li seta jingieb bħala difiża huwa milqut u kopert mill-ġudikat u jifforma parti mill-istess kawża,

...Omissis.....

6. ...Omissis.....

7. Illi fit-tieni lok, l-ewwel Onorabbli Qorti qieset illi ladarba ġudikat jagħti effett għall-kuntratt, ma jistgħux fi proċeduri oħra jingiebu argumenti jew jitressqu provi 'bil-ħsieb' li jiġi distrutt dak il-ġudikat'. Hawnhekk jiġi osservat illi ma saret l-ebda talba sabiex jiġu annullati s-sentenzi preċedenti, u li l-ewwel talba kienet esklussivament dikjaratorja fil-konfront ta' l-iskrittura oriġinali, mhux tas-sentenza. Tali talba tikkostitwixxi azzjoni indipendenti mis-sentenzi mogħtija, u fil-fatt lanqas għandha l-effett awtomatiku li twaqqa 'l-eżegwibilita' tas-sentenza preċedentement mogħtija iżda għandha biss l-għan li sservi ta' bażi għat-tielet talba u cioè għat-talba għad-danni. L-eżekuzzjoni tal-ġudikat u t-talba għad-danni derivanti minn tali eżekuzzjoni ma jostakolawx lil xulxin, u fil-fatt it-talba għad-danni kienet tkun proponibbli anke kieku s-sentenzi preċedenti ġew eżegwiti;

...Omissis.....

8. Illi l-argument miġjub mill-ewwel Onorabbli Qorti huwa kontradett mil-liġi stess, illi tipprevedi l-possibiltà ta' sentenza dikjaratorja sussegwenti li sservi ta' bażi għal talba għal ritrattazzjoni,

...Omissis.....

9. Illi bl-istess mod, l-ewwel talba odjerna mhiex ifformulata b'mod li taffettwa l-effikaċità u l-eżegwibiltà tas-sentenzi preċedentement mogħtija, u saret esklussivament sabiex isservi bħala bażi għat-tielet talba, cjoè għat-talba għad-danni;

The grievances of the appellant are clear and manifest and consist in the following;

1. That for the exception rei judicata the element of eadem causa is necessary;

5. That in the first place, the appellant does not agree with the Honourable First Court regarding the subsistence of the requiste of eadem causa. Regarding this judgement appealed it considered that every plea and any argument that could have been brought as a defense is covered by the judgement and forms part of the same cause,

...Omissis.....

6. ...Omissis.....

7. That in the second place, the Honourable Court of First Instance, considered that once the judgement, gives effect to the contract, there cannot be brought forward in other procedures, arguments or proof, 'with the intention' that, the said judgement be destroyed. It is hereby observed, that no demand for the annulment of the preceeding judgements was made, and that the first demand was exclusively declaratory in confrontation with the original writing, not the judgement. The said demand amounts to an independent action, in itself, independently of the judgements given, and in fact does not have the automatic effect to destroy 'the executability' of the preceding judgement given, but has only the purpose to serve as a basis for the third demand and that is for the demand for damages. The execution of the judgement and the demand for damages deriving from the said execution do not obstruct each other, and, in fact the demand for damages could have been proposed, even if the preceeding judgements were executed;

...Omissis.....

8. That the argument brought by the Honourable First Court is contradicted by the law itself, which contemplates the possibility of a subsequent declaratory judgement, which shall serve as the basis of a demand for re-trial,

...Omissis.....

9. That in the same manner, the first demand is not formulated in a manner as to effect the efficacy and executability of the judgements previously given, and was exclusively made in order to serve as a basis for the third demand, namely the demand for damages;

11. Illi l-ewwel Qorti bbażat ruħha wkoll fuq il-fatt illi ma kenitx konvinta mill-allegazzjonijiet ta' l-attriċi, meta ma tat l-ebda opportunità lill-attriċi li tippruvahom;

10. Illi fil-paġna 14 tas-sentenza appellata, l-ewwel Onorabbli Qorti, ddikjarat hekk;

Aparti minn dan, din il-Qorti mhux konvinta bl-iskoperta li tgħid li għamlet l-attriċi. Din il-Qorti għad trid tiltaqa' ma' xerrej li, qabel ma jixtri, ma jkun almenu ma jara l-fond li ser jakkwista. L-attriċi żgur li ma kinitx ser tpartat id-dar tagħha ma' appartment ieħor mingħajr ma tara dak l-appartament u l-konvenut, fil-fatt, fid-dikjarazzjoni tiegħu jikkonferma, mhux biss li l-fond in kwistjoni jeżisti, iżda l-attriċi daħlet personalment fih u ratu.

II. li bir-rispett kollu lejn l-Onorabbli Qorti, jidher l-ewwelnett illi kien hemm nuqqas ta' ftehim, dwar dak li qiegħed jiġi allegat mill-attriċi, u fit-tieni lok illi l-ewwel Qorti iffurmat opinjoni dwar il-mertu tal-każ fi stadju fejn il-partijiet kienu għadhom ferm 'il bogħod mit-trattazzjoni ta' tali mertu. Jingħad fil-fatt illi l-attriċi kienet rat il-proprjetà in kwistjoni, imma kien biss meta saru r-riċerki relattivi għat-titolu tal-konvenut li ħarġet il-verità ħaġa li ma tirriżultax minn spezzjoni fiżika ta' fond;

III. Illi talba għal dikjarazzjoni ta' ineżegwibilità mhix mezz ta' impunjazzjoni ta' sentenza iżda talba għal dikjarazzjoni ta' fatt;

12. Illi ma jista' jkun hemm l-ebda dubbju li jeżistu ċirkostanzi fejn sentenza tista' ma tkunx eżegwibbli. Hekk, per eżempju, sentenza li tordna r-restituzzjoni ta' oġġett lil sidu tkun ineżegwibbli jekk jirriżulta li l-oġġett ikun ġie distrutt, ħaġa li tista' sseħħ sija qabel is-sentenza, jekk dan il-fatt ma jiġix a konjizzjoni tal-Qorti, u sija wara s-sentenza ...Omissis.....

13. Illi l-fatt illi l-ordinament tagħna ma jittrattax speċifikament x'jigri f'każijiet bħal dawn ma jfissirx illi dawn il-każijiet ma jseħħux; fil-fatt huwa sinjifikanti l-fatt illi, għalkemm l-ewwel Onorabbli Qorti qieset it-talba attriċi de quo bħala legalment insostenibbli, hija fil-fatt għaddiet biex eżaminat jekk il-fatti allegati setgħux jagħtu lok għall-ineżegwibilità tas-sentenzi preċedenti, u kkonkludiet favur il-konvenut illi s-sentenza kienet eżegwibbli għar-raġunijiet hemmhekk indikati; dan però jikkostitwixxi fl-umli fehma ta' l-appellanti ammissjoni li ineżegwibilità ta' sentenza hija ċirkostanza li tista' seħħ;

11.That First Court based itself on the fact that it was not convinced by the plaintiff's allegations, when it did not give the plaintiff any opportunity to prove them;

10. That on page 14 of the judgement appealed the Honourable First Court, declared so;

Apart from this, this Court is not convinced with the discovery that the plaintiff says she has done. This Court, is still to meet a purchaser who, before buying, he shall, at least see the premises that he shall acquire. The plaintiff, was certainly not going to exchange her house, with another apartment, without seeing that apartment and the defendant in fact, in his declaration confirms, not only that the premises in question exists, but the plaintiff entered therein personally and saw it.

II. That with all respect towards the Honourable Court, it appears, in the First place that there was lack of agreement, as, what to was being alleged by the plaintiff, and in the second place the First Court, formed an opinion as regards the merit of the cause at a stage where the parties were still far away from pleading the said merit. It is stated, in fact, that the plaintiff had seen the property in question, but, it was only when the relative searches as regards the title of the defendant, that the truth was revealed something which does not result from a physical inspection of the premises;

III. That the demand for a declaration of inexecutability, is not a means for impugnation of a judgement, but a demand for a declaration of a fact;

12. That there can be no doubt that there exist circumstances where a judgement cannot be executed. Thus, for example a judgement, which orders the restitution of an object to its owner shall not be executable if it results that the object has been destroyed, something which can happen, both before the judgement, if this fact is not brought to the notice of the Court, and both after the judgement ...Omissis.....

13. That in our system, it is not specified, what happens in similar cases does not mean, that these cases do not occurġ in fact it is significant that although the Honourable First Court examined the plaintiff's demand de quo as legally unsustenable, in fact passed to examine whether the facts alleged could have given place to the inexecutability of the preceeding judgements, and concluded in favour of the defendant, that the judgement was executable for the reasons, therein indicated, this however in the humble opinion of the appellant, constitutes, an admission of the fact, that inexecutability of a judgement, is a circumstance which can occur;

IV. Illi n-nuqqas ta' titolu jirrendi kuntratt ta' bejgħ null u dak li hu null ma jeżitix fil-liġi, b'mod illi jekk l-eżekuzzjoni proposta tkun nulla jkollok l-impossibiltà ta' l-eżekuzzjoni;

14. Illi finalment, l-appellanti ma tistax taqbel ma' l-argument żvolt mill-ewwel Onorabbli Qorti fis-sena illi l-possibbiltà li l-konvenut huwa nieqes mit-titolu minnu vantat huwa rrilevanti għall-finijiet tal-kuntratt ordnat preċedentement permezz tas-sentenzi oġġett ta' din il-vertenza. Skond l-ewwel Onorabbli Qorti, mhuwiex xogħol in-Nutar involut li jagħmel riċerki rigward il-provenjenza tat-titolu, in vista ta' l-ordni tal-Qorti...Omissis.....

15. ...Omissis.....

16. Illi kuntratt ta' bejgħ mhuwiex sempliċement strument notarili, iżda huwa mezz ta' trasferiment ta' proprjetà – dan jimplika li fejn ma jkunx hemm proprjetà il-bejgħ ma jkunx qed isir, u l-iffirmar ta' l-istrument ma jkunx ħlief ritwal priv minn sinjifikat ġuridiku.

Għaldaqstant l-esponenti filwaqt li tagħmel riferenza għall-atti kollha tal-kawża, u tirriserva li tipproduċi dawk ix-xhieda u dawk il-provi ammissibbli skond il-liġi u jagħmel l-osservazzjonijiet u sottomissjonijiet opportuni, titlob umilment lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha thassar, tirrevoka u tikkanċella s-sentenza tal-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fl-ismijiet Edmea Pace vs Edward Pavia, Ċitazzjoni Numru 1915/99 TM, mogħtija fis-seduta ta' nhar il-Ħamis, tlieta (3) ta' Lulju 2003, billi tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-konvenut u tilqa' t-talbiet attriċi bl-ispejjeż kontra l-konvenut, ossija billi tiċħad l-ewwel u t-tieni eċċezzjoni mqajjem mill-konvenut u tibgħat lura l-atti quddiem l-Onorabbli Prim' Awla tal-Qorti Ċivili sabiex it-talbiet attriċi jkomplu jinstemgħu.

Notifika: Edward Pavia, 'Mambra', Qormi Rd, Ħal Luqa.

(II) Edward Pavia, 8, Prestige Court, Church Str, Paceville/San Ġiljan.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, (Appell), illum 13 ta' Jannar 2004.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur tal-Qrati.

IV. That lack of title renders a contract of sale null and what is null does not exist at law, in such a manner that if the execution proposed is null there shall be the impossibility of execution;

14. That finally, the appellants, cannot agree with the agreement brought forward by the Honourable First Court, in the sense that the possibility that the defendant does not have the title vaunted by him is irrelevant for the purposes of the contract ordered previously, by means of the judgements, merit of this case. According to the Honourable First Court, it is not the work of the Notary involved to carry out searches regarding the root of title, in view of the order of the Court...Omissis.....

15. ...Omissis.....

16. That the contract of sale is not merely a notarial instrument, but means of transfer of ownership – this implies that were there is no ownership the sale does not take place and the signing of the instrument is simply a ritual void of and juridical significance.

Thus the applicant whilst referring to the records of the cause and reserves to produce those witnesses and that proof admissible according to law and makes the opportune observations and submissions, humbly asks this Honourable Court, to annul, revoke and cancel the judgement of the First Hall Civil Court, in the names Edmea Pace vs Edward Pavia, Writ of Summons number 1915/99 TM, given during the sitting of Thursday, third (3) July 2003, by rejecting the pleas of the defendant and uphold the plaintiff's demands with costs against the defendant, by rejecting the first and second plea raised by the defendant and send back the records before the Honourable First Court Civil Court, in order that plaintiff's demands continue to be heard.

Service of process: Edward Pavia, 'Mambra', Qormi Rd, Luqa.

(II) Edward Pavia, 8, Prestige Court, Church Str, Paceville/St. Julians.

Registry of the Superior Courts, (Appeal), today 13th January 2004.

ADV. DR. FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar of Courts

Ippubblikat mid-Dipartiment ta' l-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta — *Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta*
Mitbug[fl-Istamperija tal-Gvern — *Printed at the Government Printing Press*